MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1715/2004

**SMS Insurance Agency Limited (C5645)**
**ghan-nom tas-socjeta' estera Ecclesiastical**
**Insurance Office plc**

**Vs**

**Philip Chircop (ID Card 775731M)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm575 (hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin) rapprezentanti s-somma mhallsa mis-socjeta' attrici a bazi tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta wara s-sentenza tat-Tribunal tal-4 ta' Dicembru, 2003 fl-ismijiet Philip Bugeja Vs Kevin Chircop (Avviz 976/03JB), liema somma s-socjeta' attrici ghandha dritt tirkupra minghand il-konvenut bhala l-assigurat taghha li naqas li jonera l-kundizzjonijiet tal-polza li a bazi taghha hija giet kostretta thallas.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-13 ta’ Marzu 2004, Ittra Legali, Ittra Ufficjali tas-17 ta’ Mejju 2004, u bl-imghax sal-effettiv pagament.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Mark Axiaq jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------